**MALTA**

**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**MAGISTRAT Dr. IAN FARRUGIA LL.D**

**Illum 14 ta` Settembru 2016**

**IL-PULIZIJA**
**(Spettur Trevor Micallef)**

**Vs**

**Ali Shaban**

**Kump. Nru. 1377/2010**

**IL-QORTI**;

Rat li l-imputat **Ali Shaban maghruf ukoll bhala Shaban Farag Abdel Ghany, iben detentur tal-karta tal-identita` 128494(M),** gie akkuzat talli f'dawn il-Gzejjer mill-25 ta' Marzu 1998 sal-lum;

1. Bhala persuna li ghandek aktar il'fuq minn erbatax-il sena u ilek tirresjedi f'Malta ghal aktar minn sitt xhur, m'ghandekx fil-pussess tieghek karta tal-identita` valida skond Art.3 tal-Kap 258 (Att dwar il-Karti tal-Identita`).

2. Akkuzat aktar talli fl-istess perjodu inqast milli tirrapporta l-fatt lill-ufficjal awtorizzat u ma kkonsenjajtx il-karta tal-identita` li mhix korretta u nqast li

taghti t-taghrif kollu mehtieg lil dak l-ufficjal u dan bi ksur tal-Art.9 tal-Kap258 (Att dwar il-karti tal-identita`).

3. Akkuzat aktar talli fl-istess perjodu ghamilt dikjarazzjoni falza, jew tajt taghrif falz, jew ipproducejt xi dokument falz ghal xi wahda mill-ghanijiet ta' dan l-Att, meta kont taf li dan huwa falz u dan bi ksur tal-Art.14(2)(b) tal-Kap.9 (Att dwar il-karti tal-identita`).

Rat il-kunsens ta` l-Avukat Generali tal-24 ta` Dicembru 2010 sabiex din il-kawza tigi trattata bil-procedura sommarja;

Rat l-atti u d-dokumenti;

Qieset id-depozizzjonijiet tax-xhieda mressqa f'dan il-procediment;

Semghet is-sottomissjonijiet finali tal-partijiet;

**Ikkunsidrat:**

Jirrizulta mill-atti ta' din il-kawza illi ghal xi raguni zgur li mhux maghrufa, l-imputat gie indikat bil-kunjom "Ali" fic-certifikat Form J, li jinhareg mir-Registru Pubbliku.

Irrizulta illi kemm meta l-imputat mar biex jizzewweg fir-Registru Pubbliku f'Malta, kif ukoll meta mar biex jirregistra t-twelid tieghu, huwa dejjem ipprezenta l-istess dokument – u cioe l-kopja tac-certifikat tat-twelid tieghu (bl-Gharbi) flimkien mat-translation – liema dokument gie mmarkat bhala Dok.2 li jinsab a folio 22.

Minn dan id-dokument imsemmi jirrizulta li effettivament kunjom l-imputat huwa "Abdel Ghany" u mhux "Ali".

Ix-xhud Peter Borg fil-kapacita tieghu ta' Principal fl-ufficju tar-Registru Pubbliku, jixhed fit-28 ta' Marzu 2012. L-indikazzjonijiet huma, mill-kliem li juza dan ix-xhud, illi f'dan il-kaz seta sehh xi zball *along the line.*

Dan hu bazikamet dak kollu li jirrizulta f'dan il-process.

**Ikkunsidrat:**

Illi ma hemm ebda prova fil-process illi kien l-imputat li b'xi mod gieghel li jitnizzel il-kunjom "Ali" fil-Form J mahrug mir-Registru Pubbliku.

Ghall-kuntrarju, jirrizulta sodisfacentement illi meta huwa mar biex jizzewweg u meta mar biex jirregista t-twelid tieghu, hu pprezenta kopja tac-certifikat tat-twelid tieghu bl-Gharbi flimkien mat-translation relattiva. F'dan id-dokument li huwa ta lill-awtoritajiet ta' Malta, il-kunjom jidher car li hu "Abdel Ghany".

Jirrizulta wkoll li l-karta tal-identita tieghu mahruga fit-2 ta' Settembru 2005, tidher li hija regolari u li fiha hemm il-kunjom korrett u cioe "Abdel Ghany" (ara folio 35). Il-kunjom "Ali" ma jidher imkien fuq il-karta tal-identita.

**Ikkunsidrat:**

Illi fil-kuntest tar-rizultanzi processwali hawn fuq esposti, fosthom izda mhux biss il-fatt li l-imputat , bla habi, ipprezenta huwa stess ic-certifikat tat-twelid tieghu flimkien mat-translation, fejn jidher il-kunjom "Abdel Ghany", ma jistax jinghad li l-prosekuzzjoni  pprovat  l-element intenzjonali (l-intenzjoni generika) rikjest ghas-sejbien tal-htija fit-tlett reati addebitati.

**Konkluzjoni:**

**GHALL-MOTIVI PREMESSI DIN IL-QORTI SSIB U TIDDIKJARA LILL-IMPUTAT MHUX HATI TAL-IMPUTAZZJONIJIET KOLLHA ADDEBITATI U MINNHOM TILLIBERAH SKOND IL-LIGI.**

Dr Ian Farrugia LLD
Magistrat

Marica Mifsud
Deputat Registratur